MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2008

Appell Civili Numru. 2/2006/1

**Joseph Debono u martu Rita**

**vs**

**Uskin Ltd**

**Il-Qorti,**

Fis-7 ta’ Mejju, 2007, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> “It-Tribunal,
>
> Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-21 ta’ Dicembru 2006; fejn l-atturi talbu ghar-rifuzjoni tal-prezz imhallas ta’ bieb ta’ barra – tad-dar Redentur, Vjal ix-Xarolla, Zurrieq peress li mhux tal-kwalita’ pattwita.

Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta tat-13 ta' Marzu 2006 li permezz taghha eccepew : (1) Illi l-konvenuti kkonsenjaw il-bieb tal-garage skond kif ordnat u indikat fil-fattura u li l-attur kellu f'idu tmien xhur qabel il-konsenja ; (2) Illi l-bieb tal-garage konsenjat kien maghmul u mwahhal skond l-arti u s-sengha u kien ukoll tal-kwalita` pattwita; (3) Illi l-attur kien kuntent bil-bieb u bix-xoghol maghmul – beda biss jitlob rifuzjoni ta' parti mill-prezz meta qal li kien ra l-istess tip ta' bieb ghand haddiehor bi prezz aktar baxx; (4) Illi l-attur fadallu jhallas mija u erbgha u erbghin Liri Maltin (Lm144.00) fuq il-prezz miftiehem. Dan jirrapprezenta t-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) dovut fuq il-bieb.

Ra l-Kontro-Talba tas-socjeta` konvenuta, li permezz taghha, wara illi premettiet illi l-konvenuti hadmu bieb ta' garage ghall-atturi fuq fattura li kopja taghha qed tigi pprezentat (Dok U1); u illi dan il-bieb twahhal u ghadu mwahhal ghand l-attur sal-lum u illi l-attur fadallu jhallas mija erbgha u erbghin Liri Maltin (Lm144.00) fuq il-prezz miftiehem, fuq l-istess bieb rapprezentanti t-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) dovut fuq il-bieb, talbu lit-Tribunal jikkundanna lill-atturi jhallsu lill-konvenuti l-ammont ta' mija u erbgha u erbghin Liri Maltin (Lm144.00), bl-ispejjez u bl-interessi.

Ra l-verbal tas-seduta tas-26 ta' April 2006 fejn Dr Joseph Brincat ghall-atturi iddikjara illi b'risposta ghall-kontro-talba qieghed jistrieh fuq l-istess talba in kwantu illi wahda hija konsegwenzjali ghall-ohra.

Ha konjizzjoni tal-provi u d-dokumenti kollha prodotti.

Sema` t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet u ra illi l-kawza thalliet ghall-lum ghad-decizjoni.

Ikkunsidra :

Illi filwaqt illi l-atturi qed jitolbu ghar-rifuzjoni tal-prezz intier minnhom mhallas fl-ammont ta’ tmien mija u hamsa u ghoxrin Liri Maltin (Lm825.00) fuq bieb tad-dar peress illi mhux tal-kwalita` pattwita – is-socjeta` konvenuta rrispondiet u ttenni illi hija kkonsenjat bieb tal-garage kif ordnat lilha u ndikat fil-fattura, liema bieb kien maghmul skond is-sengha u l-arti u fuq kollox ntavola kontro-talba ghall-hlas tal-bilanc fl-ammont ta’ mija u erbgha u erbghin Liri Maltin (Lm144.00) rapprezentanti l-VAT fuq il-prezz tal-bieb.

Illi meta l-atturi qed jitolbu r-rifuzjoni tal-prezz mhallas – anke jekk mhux ben maghmul car fl-Avviz – it-Tribunal qed jifhem illi l-atturi jridu jxolju l-kuntratt ta’ bejgh ghaliex l-oggett lilhom kkonsenjat mhux tal-kwalita` pattwita – u allura qed jitolbu ghar-rifuzjoni tal-prezz intier kif imhallas minnhom, bil-konsegwenza naturali illi jxolju l-kuntratt ta’ bejgh.

Illi mill-atti processwali mkien ma jirrizulta illi l-atturi ddepositaw l-bieb de quo f’idejn ir-Registratur tal-Qrati u lanqas illi rritornaw l-istess bieb lis-socjeta` konvenuta, anzi mill-provi jirrizulta illi dan ghadu fil-pussess ta’ l-atturi.

Illi r-radd lura lill-bejjiegh tal-haga mixtrija misjuba mhix tal-kwalita` miftehma huwa rekwizit krucjali ghas-success ta’ thassir tal-kuntratt ta’ bejgh u xiri u t-talba ghar-rifuzjoni tal-prezz mhallas.

Ghalhekk, ladarba l-atturi ghazlu l-azzjoni li t-Tribunal qed jifhem li mexxew l-quddiem, jonqos element essenzjali biex tirnexxi l-azzjoni – u l-atturi ma harsux b’mod xieraq dak li kien mistenni minnhom fil-ligi biex jisthoqqilha tirnexxi l-azzjoni taghhom.

F’dan is-sens wiehed jista` jaghmel referenza ghal diversi sentenzi – fosthom **Busietta noe vs Borg**

> **Cardona et noe** (App. Civili 6.10.2000), **Office Technology Limited vs J.M. Supplies Co. Ltd** (P.A. 31.01.07) u **Josianne Borg u Joseph Grech Bonnett et** (Q.M. 26.02.2007).
>
> Ra x-xhieda ta’ Mark Darmanin in rapprezentanza tas-socjeta` konvenuta u d-dokumenti minnhu esebiti minn fejn jirrizulta illi fadal bilanc x’jithallas ta’ mija u erbgha u erbghin Liri Maltin (Lm144.00) fuq il-prezz tal-bieb mertu ta’ din il-kawza, u dan in sostenn tal-kontro-talba – liema somma jirrizulta illi hija dovuta, ghax anke kif stqarr Kenneth Darmanin (12.03.07) – mhux minnhu illi l-atturi nghataw skont ta’ Lm144.
>
> Ghaldaqstant, it-Tribunal, wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, b’ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi jichad it-talba attrici u jilqa’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta ghall-istess talba filwaqt illi jilqa` wkoll it-talba rikonvenzjonali u jikkundanna lill-atturi jhallsu lis-socjeta` konvenuta s-somma ta’ mija u erbgha u erbghin Liri Maltin (Lm144) ghar-ragunijiet msemmija fil-kontro-talba, bl-imghax mid-data tat-13 ta’ Marzu 2006.
>
> Bl-ispejjes ta’ din l-istanza li ghandhom jigu sopportati mill-atturi.**”**

L-atturi appellaw minn din is-sentenza bl-aggravji illi t-Tribunal applika b’ mod zbaljat il-ligi ghall-fatti.  Huma jikkontendu illi l-kontrattazzjoni negozjali bejn il-partijiet kienet wahda inerenti ghal dik ta’ *locatio operis* u mhux ta’ bejgh.  Barra minn dan l-istess atturi jressqu ilment fejn it-Tribunal laqa’ t-talba rikonvenzjonali tas-socjeta` konvenuta.  Fil-kuntest huma jissottomettu li l-ammont reklamat minn din is-socjeta` kien appatwit li kellu jkun skontat u mhux in linea ta’ VAT, kif issa qed tippretendi din l-istess socjeta`;

Fir-risposta taghha s-socjeta` konvenuta tissolleva bi preliminari n-nullita` ta’ l-appell ghal fatt li ma giet avvanzata ebda talba ghar-revoka tas-sentenza *di fronte* ghall-kontro-talba taghha. Bi twegiba ghall-mertu tissottometti illi n-negozju kien wiehed ta’ vendita u fuq hekk hu bazat l-avviz promotur. Issostni, b’ konsegwenza, illi l-atturi ma setghux f’ dan l-istadju tardiv ibiddlu s-sustanza ta’ l-azzjoni taghhom ghal wahda improntata taht l-istitut tal-*locatio operis*;

Riferibilment ghan-nullita` eccepita mis-socjeta` konvenuta din il-pregudizzjali tidher li hi wahda insostenibbli gjaladarba hu manifest mit-talba ta’ l-atturi ghar-revoka tas-sentenza illi tali kienet tikkolpixxi sew ic-cahda mit-Tribunal tat-talba promotrici taghhom bl-Avviz sew l-akkoljiment tal-kontro-talba. Bil-mod kif redatta bi kliem generiku fil-korp tar-rikors ta’ l-appell, l-impunjattiva mill-atturi tas-sentenza appellata, konsiderativa b’mod unitarju tat-talba wahda u l-ohra, kienet, ragjonevolment, intiza li tikkomprendi, bi gravami specifici, kemm it-talba principali kif ukoll il-kontro-talba;

Skartata din il-pregudizzjali, jidher li l-kuntrast principali emers mill-atti ta’ l-appell tal-kontendenti jikkonsisti fuq il-kollokament tal-qaghda guridika ghall-fattispeci tan-negozju ta’ bejniethom;

*In primis*, f’ kazijiet simili ta’ kontestazzjoni fuq in-natura guridika ta’ vertenza, wiehed ghandu, per forza, jitlaq mill-indoli ta’ l-azzjoni intentata mill-attur, u l-aktar mill-espressjoni tal-kliem adoperati b’ dik l-azzjoni tieghu. Fil-kaz prezenti, l-atturi talbu r-radd lura tas-somma minnhom imhallsa fuq il-premessa li l-bieb konsenjat ma kienx tal-kwalita premessa. Tali xelta ta’ kliem, a prima vista, huma indikattivi illi dak ikkuntrattat kien il-bejgh tal-bieb. Naturalment, wiehed ghandu wkoll jiehu rigward tal-linja difensjonali adoperata mill-kontroparti in kwantu, anke din, kapaci tillustra l-intendiment tal-kontraenti meta kkonkludew il-ftehim. Fil-kaz attwali, is-socjeta`

konvenuta tiddifendi ruhha bl-eccezzjoni illi x-xoghol sar skond l-arti u s-sengha u li l-bieb inhadem u gie mwahhal *in situ* skond kif maqbul. Din id-difiza donnha timplika ftehim inerenti ghal '*locatio operis*' jew 'appalt' u mhux ghall-vendita. Fil-presenza ta' dan l-orjentament ta' hsieb, apparentement kontrastanti, kien kompitu ta' min ried jiggudika illi qabel kollox jistabilixxi l-kwalifikazzjoni guridika vera tal-ftehim bejn il-kontraenti;

Fil-qosor, il-fatti essenzjali tal-kaz huma s-segwenti:-

(1) L-atturi ordnaw bieb ta' *garage* ahjar deskritt, sew fil-*quotation* (fol. 35) u sew fil-fattura (fol. 37), bhala "*sectional door White with service door, motor and fanlight*". Dan versu l-prezz komplessiv ta' disa' mija u erbgha u erbghin lira (Lm944), inkluziv tal-VAT;

(2) Jinghad li l-manifattura ta' bieb bhal dan issir billi s-socjeta` konvenuta timmonta fil-*workshop* taghha l-komponenti tieghu li jingiebu minn diversi pajjizi fl-esteru u, in segwitu, tghaddi biex tinstalla l-bieb, hekk immuntat, fil-post iddestinat ghalih. Jinghad ukoll illi f' dan il-kaz l-atturi nghataw minn qabel kampjun tieghu;

Huwa proprju minn dawn il-fatti appena riprodotti illi wiehed ghandu jiggwida ruhu biex jiddetermina jekk in-negozju akkordat huwiex dak ta' bejgh jew, invece, jirrapprezentax l-aspetti tal-*locatio operis*;

Issa l-kriterji distintivi fid-differenzazzjoni bejn dawn iz-zewg istituti jaghmluhom, fil-fehma tal-Qorti, dawn li jsegwu:-

1. L-ewwelnett mill-perspettiva soggettiva, il-volontajiet taz-zewg kontraenti ghal fini li jkun accertat minnhom jekk l-iskop prevalenti tan-negozju kienx dak li x-xoghol mahsub hu wiehed ghall-produzzjoni ta' opra, jew jekk dak l-istess xoghol kienx, sempliciment, il-mezz ghall-konsegwiment tal-haga in kwantu finalita` effettiva tan-negozju nnifsu;

2. Fit-tieni lok, u oggettivament, ghandu jigi ezaminat jekk il-kuntratt li bih wiehed jobbliga ruhu li jforni lill-iehor haga manufatta, u li tidhol fl-attivita` normali u proprju tieghu, tikkostitwixxi vendita ta' haga futura jew, ghal kuntrarju, kiri ta' xoghol u ta' industrija li bih il-wiehed jintrabat li jaghmel xi haga ghall-parti l-ohra skond id-definizzjoni tal-kuntratt ta' *locatio operis* a norma ta' l-Artikolu 1623 tal-Kodici Civili;

Fil-hsieb tal-Qorti, fuq l-apprezzament taghha tal-fatti kif hawn fuq ikkunsidrati, ix-xoghol ta' montatura li ghamlet il-kumpanija konvenuta ta' komponenti pre-fabbrikati tal-bieb kien wiehed servjenti unikament bhala mezz ghal konsenja ta' l-istess bieb u tali hu inerenti ghal kuntratt ta' bejgh u mhux ta' *locatio operis*. Dan ghaliex b' dik tax-xoghol ta' montatura ma jirrizultax li gew znaturati l-karatteristici essenzjali tal-bieb, mertu tal-kontrattazzjoni, izda ghandu jitqies bhala xi haga marginali u sekondarja diretta biex il-bieb jigi adattat ghall-esigenzi specifici ta' l-atturi. Gie rilevat mill-**Qorti tal-Kassazzjoni Taljana** (12 ta' April 1999, numru 3578) illi "*il negozio misto che presenta i caratteri della compravendita e dell' appalto deve riternersi assoggettato alla disciplina unitaria del contratto i cui elementi costitutivi debbano, nella specie, considerarsi prevalenti. Ne consegue che, qualora l' obbligazione di fare (caratteristica dell' appalto) si accompagna a quelle di dare (tipica della compravendita), la disciplina applicabile sara quella della vendita se il lavoro (e cioe il facere) rappresenta non gia lo scopo ultimo del negozio, ma soltanto il mezzo per il conseguimento della 'res')*". Is-sentenza ta' l-Appell Kummercjali tas-26 ta' April, 1988 fl-ismijiet "**George Vassallo -vs- Lawrence Fenech *et nomine***" hi, mod jew iehor, koncepita f' dawn l-istess termini distintivi;

Sa hawn allura, anke jekk mhux redatta b' dan l-approfondiment, is-sentenza appellata hi sew arginata in kwantu ghan-natura preciza tal-kontrattazzjoni konkordata bejn il-partijiet. Stabbilit li kien jitratta minn bejgh, it-tieni

kompitu tat-Tribunal kellu jkun dak li jiddetermina jekk tabilhaqq, kif allegat, kienx hemm dak in-nuqqas ta' kwalita tal-bieb ghal dawk l-attributi tieghu esprimenti il-funzjonalita`, l-utilita` u pregju tieghu. In partikolari, kellu jigi accertat jekk il-bieb ikkonsenjat u mwahhal *in situ* kellux dawk id-differenzi u difformalijiet fih, senjalati mill-atturi, meta mqabbla mal-kampjun. Prova din li kienet taggrava dejjem fuq l-atturi li kellhom juru bhala stat ta' fatt u ghas-sodisfazzjon tat-Tribunal illi l-bieb, tassew, ma kellux fih il-karatteristici rikjesti u rizultanti mill-kampjun jew, xort' ohra, ma kellux il-kwalitajiet essenzjali mweghda. Taht dan l-aspett is-sentenza hi ghal kollox sajma. Minflok, jidher li t-Tribunal ikkoncentra ruhu fuq il-kwestjoni illi, gjaladarba, l-atturi ma ghaddewx ghar-radd lura tal-bieb, jew dak tad-depozitu tieghu taht l-awtorita` tal-Qorti, *ergo*, l-azzjoni minnhom prospettata kienet destinata li tfalli. Dan ghal motiv illi, kif arguwit mill-istess Tribunal bi frazjologija proprja, dak ir-radd lura tal-bieb jew id-depozitu tieghu kellu jitqies "rekwizit krucjali ghas-success tat-thassir tal-kuntratt ta' bejgh u xiri u tat-talba ghar-rifuzjoni tal-prezz imhallas". Ma' dan l-argoment, tenut rigward tal-fattispeci singolari tal-kaz, din il-Qorti rispettosament ma taqbelx;

Ma hemmx dubbju illi l-Artikolu 1390 tal-Kodici Civili jqis bhala rilevanti l-kwalita jew kwalitajiet li huma esenzjali ghall-uzu tal-haga jew li jifformaw l-oggett ta' xi impenn kontrattwali specifiku, u li, in mankanza, jintitolaw lix-xerrej li jagixxi ghar-rizoluzzjoni jew ghar-riduzzjoni tal-prezz. Huma dawn anke skond id-dottrina legali ir-rimedji generali esperibbli mix-xerrej fil-kaz ta' inadempiment. Ara **Bianca "La Vendita e la Permuta"**, Unione Tipografica - Editrice Torinese, 1972, pag. 845 *et sequitur*). Min irid jagixxi b' xi wahda minn dawn mhux bilfors u dejjem irid jghaddi ghar-radd lura jew depozitu ta' l-oggett li hu jqis difformi ghaliex dawn ma humiex xi ingredjenti *sine qua non* ghall-esperibilita` jew is-success ta' l-azzjoni. Il-kazijiet ivarjaw u huma dipendenti fuq ic-cirkostanzi specjali tal-kaz konkret. Dan hu hekk rikonoxxut anke mill-gurisprudenza taghna. Hekk il-Qorti ta' l-Appell irravvizat in linea ta' principju generali illi jezistu

wkoll kazijiet eccezzjonali fejn ir-ritorn lura lill-venditur ta’ l-oggett mibjugh ma tkunx fizikament possibbli. Ara “**Nazzareno Cauchi *nomine* -vs- Joseph Baldacchino *et nomine***”, 7 ta’ Ottubru, 1997. Il-kaz prezenti hu wiehed minn dawn. Kemm prattikament kif ukoll ragonevolment huwa impossibbli illi l-bieb tal-*garage*, imwahhal *in situ*, jigi hekk ritornat lura lis-socjeta` venditrici, jew, altrimenti, depozitat. F’ kull kaz, lanqas ma jirrizulta li ghadda zmien apprezzevoli bejn ir-recezzjoni tal-bieb konsegwita ghat-twahhil tieghu, u t-tehid mill-atturi ta’ l-azzjoni taghhom. Minn din l-ottika s-sentenza hi allura wahda difettuza;

Kif taraha din il-Qorti, it-Tribunal, tenut rigward ta’ din ic-cirkostanza specjali tal-fattispeci, kien messu indirizza ruhu fuq l-ezami dwar jekk kienux jezistu l-estremi ta’ fatt li kienu jintitolaw lill-atturi appellanti jinvokaw il-mankanza tal-kwalita` fil-bieb komprat. Dan hu, del resto, dak li ntalab minnu bl-azzjoni sperimentata. La dan ma sarx, il-Qorti jidhrilha li hu opportun, u anke gust u ekwu, illi b’ deroga ghall-Artikolu 8 (4) tal-Kapitolu 380, l-atti jigu rimessi lura lit-Tribunal biex dan jinvesti proprju, u jiddelibera wkoll b’ mod adegat, il-punt appena traccjat. B’ hekk ukoll il-kontendenti ma jitilfux il-beneficcju tad-*doppio esame*;

Qabel taghlaq, din il-Qorti trid taghmilha cara illi l-investigazzjoni mit-Tribunal ghandha tkun wahda ristretta ghal dan il-punt ta’ fatt biss. Dan, anke ghaliex, din il-Qorti ma ssibx raguni fl-obbjezzjoni ta’ l-atturi appellanti in mertu ghal dik il-parti tas-sentenza appellata li biha t-Tribunal laqa’ l-kontro-talba. Hu kjarament evidenti fuq l-ezami tar-rizultanzi istruttorji, u l-aktar dawk tad-dokumenti esebiti, illi s-somma ta’ mija u erbgha u erbghin lira (Lm144) reklamata bil-kontro-talba mis-socjeta` konvenuta tirrapprezenta l-ammont tal-VAT ghal liema jirreferu sew il-*quotation*, sew il-fattura.

Ghal dawn il-motivi, filwaqt li tichad it-tieni kap ta’ aggravju in mertu ghall-kontro-talba, din il-Qorti qed tilqa’ l-appell

limitatament fis-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi. Konsegwentement l-atti qed jigu rimandati lura lit-Tribunal biex dan jistharreg u jiddeciedi jekk fuq il-bazi tal-provi attendibbli jezistux fil-konkret l-estremi ta' fatt relattivi ghall-mankanza dedotta tal-kwalita fil-bieb kompravendut. L-ispejjez ta' din l-istanza jitbatew bin-nofs bejn il-kontendenti salv ghad-dritt tar-Registru li jibqa' a karigu ta' l-atturi appellanti. Dawk tat-Tribunal jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali tieghu, konsegwenti ghal din ir-rimessa lura lilu ta' l-atti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------